# FESTIVAL NAZZJONALI TAL-BANED







# LINJI GWIDA GĦALL-KOMPOŻIŻŻJONIJIET ORIGINALI

# 2023 – 2024

KOTTONERA
FOUNDATION

Għaqda Nazzjonali
Każini tal-Banda
Malta Band Clubs Association
A.D. 1947

Il-fondazzjoni Kottonera bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda qegħdin għal darba oħra jorganizzaw dan il-Festival tal-Baned.

FESTIVAL NAZZJONALI TAL-BANED

KOTTONERA FOUNDATION

Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda
Malta Band Clubs Association
A.D. 1947

## Kontenut

**1. Skop.** ........ 2

**2. Regolamenti u Linji Gwida.** ........ 2

**3. Kif Tipparteċipa.** ........ 4

**4. Evalwazzjoni** ........ 4

**5. Apprezzament** ........ 5

# 1. Skop.

1.1 Biex inkomplu ninkoraġġixxu lill-kompożituri lokali jiktbu mużika ġdida għall-Baned Maltin.

1.2 Biex inħajru lill-kompożituri jikkunsidraw bis-serjetà l-mużika għall-Banda fi stili u forom differenti.

1.3 Biex nippromowvu kompożituri ġodda lokali.

1.4 Biex nippromowvu kollaborazzjoni bejn il-kompożitur, is-Surmast direttur tal-banda u l-mużiċisti.

1.5 Biex nipprovdu pjattaforma xierqa fejn xogħlijiet mużikali ġodda jkunu jistgħu jiġu esegwiti.

# 2. Regolamenti u Linji Gwida.

2.1. Din is-sejħa hija indirizzata lill-kompożituri Maltin u Għawdxin ta' kull età.

2.2. Kompożizzjonijiet oriġinali biss, li għadhom mhux ippublikati u mhux esegwiti fil-pubbliku huma eliġibbli għal din is-sejħa.

2.3. Kull kompożitur jista' jissottometti xogħol **wieħed**.

2.4. Il-kompożizzjoni trid tkun ibbażata fuq tema marbuta mal-Kottonera, jew issir referenza fit-titlu lejn kull aspett kulturali u storiku, monumenti, ġeografija, tradizzjoni eċċ.

2.5. It-tul tal-kompożizzjoni jrid ikun bejn 10 u 12 – il minuta.

2.6. Ix-xogħlijiet mużikali jistgħu jkunu f'moviment wieħed jew maqsuma f'diversi movimenti sakemm ma jeċċedux il-ħin stipulat.

2.7. Il-livell tal-kompożizzjoni jrid ikun bejn grad 3 u 4.

2.8. Kompożituri li ħadu sehem fl-edizzjoni preċedenti u kellhom is-silta tagħhom magħżula jistgħu jerġgħu jieħdu sehem f'din it-tielet edizzjoni.

2.9. Idealment kull kompożizzjoni għandu jkollha din l-istrumentazzjoni:

- Piccolo
- 1st Flute
- 1st Horn
- 2nd Horn

- 2nd Flute
- Oboe
- Basson
- Eb Clarinet
- 1st Bb Clarinet
- 2nd Bb Clarinet
- 3rd Bb Clarinet
- Bass Clarinet
- 1st Alto Sax
- 2nd Alto Sax
- Tenor Sax
- Baritone Sax
- 3rd Horn
- 4th Horn
- 1st Bb Trumpet
- 2nd Bb Trumpet
- 1st Tenor Trombone
- 2nd Tenor Trombone
- 3rd Tenor Trombone
- Bb Baritone
- Euphonium
- Tuba
- Percussion

Strumenti addizzjonali: Drum Set, Keyboard u Bass Guitar.

2.10. Il-kompożitur mhux obbligat juża dawn l-istrumenti kollha. Madanakollu, strumenti li mhumiex inklużi f'din il-lista ma jistgħux jintużaw.

2.11. Il-massimu ta' kompożizzjonijiet magħżula huwa ta' erba' li jistgħu jiġu esegwiti matul is-sena 2023 u s-sena 2024. Peress li din mhux kompetizzjoni, mhux ser tinħareġ l-ebda klassifikazzjoni.

2.12. Jekk xi Surmast Direttur, Assistent, Għalliem, Bandist tal-lokal jew xi membru ieħor fi ħdan xi waħda mill-baned parteċipanti jkollu xogħol fost l-erba' magħżula mill-Fondazzjoni, dan ma jkunx jista' jdoqq xogħol ieħor mir-repertorju tiegħu mal-banda li jidderieġi jew affljata magħha. Dan sabiex ikun hemm spectrum aktar wiesa ta' xogħlijiet mużikali u jingħataw iċ-ċans kompożituri oħra.

2.13. Jintagħżlu biss dawk il-kompożizzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji msemmija u li jilħqu l-livell artistiku mixtieq.

2.14. Id-drittijiet esklussivi tal-kompożizzjonijiet magħżula jibqgħu tal-kompożitur.

2.15. Il-kompożizzjonijiet magħżula jiġu eżegwiti mill-baned li jieħdu sehem fil-Festival tal-Baned organizzat mill-Fondazzjoni Kottonera permezz ta' polza.

## 3. Kif Tipparteċipa.

3.1. Kull kompożitur irid jimla u jissottometti d-dokumenti meħtieġa fuq l-formula diġitali kif spjegat hawn taħt. Il-formula diġitali tinstab fuq il-link: https://forms.gle/be74iHPaiRb9AhiNA.

3.2. Kull kompożitur irid jipprovdi kopja diġitali fil-format PDF tal-partitura kompluta tax-xogħol mużikali li jkun qed jissottometti fil-formula elettronika. Dan il-file għandu jkollha fuqha t-titlu tal-kompożizzjoni **BISS**.

3.3. Il-kompożituri huma mitluba jipprovdu MP3 tal-kompożizzjoni. Dan il-file għandu jkollha fuqha t-titlu tal-kompożizzjoni **BISS**.

3.4. Għandhom ukoll jittellgħu file ieħor bin-noti deskrittivi/tekniċi dwar il-kompożizzjoni, (*programme notes*), madwar 300 kelma bl-Ingliż u bil-Malti u għal aktar kjarezza ma titniżżel **kwalunkwe** informazzjoni li b'xi mod tista' twassal għall-identifikazzjoni tal-kompożitur.

3.5. Jekk il-kompożizzjoni tiġi magħżula, il-kompożitur jintalab li l-partijiet għandhom ikunu preżentati b'format li meta jiġu stampati jkun hemm aspett biex il-mużiċist jkun jista' jdawwar il-paġna mingħajr diffikultà. Il-Partituri tal-mużiċisti ser jiġu stampati fuq A3 b'format ta' ktejjeb (*booklet*).

3.6. Il-materjal kollu għandu jiġi sottomess fuq l-formula diġitali https://forms.gle/be74iHPaiRb9AhiNA, sa mhux aktar tard **mil-Ħadd 10 ta' Settembru 2023 fil-23:59Hrs**. Ser tkun qed tintbagħat rċevuta elettronika lil kull kompożitur. Mhux ser tkun qed tiġi aċċetta l'ebda formula ta' parteċipazzjoni oħra.

3.7. Dawk il-kompożituri li x-xogħol tagħhom jiġi magħżul, jiġu nfurmati b'ittra sabiex jingħata bidu għat-tieni fażi.

3.8. Kull min ma jimxix strettament ma dawn ir-regolamenti l-kompożizzjoni tiegħu ma tkunx ikkunsidrata.

## 4. Evalwazzjoni

4.1. Kull min bi kwalunkwe mod jipprova direttament jew indirettament jikkomunika mall-Bord tal-Għażla l-kompożizzjoni tiegħu ma tiġix konsiderata.

## 5. Apprezzament

5.1. Dawk il-kompożizzjonijiet li jiġu magħżula u esegwiti mill-baned parteċipanti waqt il-festival, ser jiġu rrekordjati fuq cd sabiex jibqa' tifkira ħajja tagħhom. Ir-recording ser isir mill-Banda tal-Forzi Armata ta' Malta. Id-dati u l-post jitħabbru aktar 'l quddiem. Dan ser isir bħala apprezzament lejn il-kompożituri u sabiex ix-xogħlijiet mużikali għall-banda tal-kompożituri Maltin u Għawdxin jitgawdew aktar.